# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR

**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**

**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-20 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 129/2022 IS**

**NATIONAL INSURANCE BROKERS LIMITED (C 84564)**

***VERSUS***

**U SAILING SCHOOL LIMITED (C 58833)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra b'Avviż tat-Talba ippreżentat mis-soċjeta´ attriċi fl-10 ta´ Mejju 2022 (a fol. 1 et seq) talbet l-ammont ta´ elfejn u ħames mija u erbgħa u ħamsin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2,554.71) rappreżentanti l-ħruġ tal-polza tal-assigurazzjoni u liċenzja tal-vettura piu´ sevizzi oħra anċillari, mogħtija lis-soċjeta´ konvenuta fuq ordni tal-istess soċjeta´ konvenuta.

Ra illi s-soċjeta´ attriċi infurmat lit-Tribunal fit-18 ta´ Jannar 2023 illi qed iċċedi s-sorte pero´ żżomm ferm il-kap tal-ispejjeż (a fol. 16).

Ra illi s-soċjeta´ konvenuta għadha mhux notifika sal-ġurnata tal-lum.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza fir-rigward tal-ispejjeż ġudizzjarji

<u>Ikkunsidra</u>

Dan it-Tribunal jagħraf illi s-soċjeta´ attriċi infurmat lit-Tribunal fit-18 ta´ Jannar 2023 illi qed iċċedi s-sorte pero´ żżomm ferm il-kap tal-ispejjeż (a fol. 16). Biss pero´, dan it-Tribunal ukoll jagħraf illi s-soċjeta´ konvenuta għadha mhux notifika sal-ġurnata tal-lum (a fol. 14).

Dan it-Tribunal pero' innota illi mill-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet illi kienet ippreżentata mis-soċjeta' attriċi fl-24 ta' April 2024 u li tinsab a fol 31 et seq jidher ċar illi s-soċjeta' konvenuta kienet taf b'din it-talba intavolata mis-soċjeta' attriċi anke jekk is-soċjeta' konvenuta qatt ma ġiet notifikata uffiċċjalment b'din it-talba. B'dan illi għaldaqstant dan it-Tribunal ser imexxi sabiex jiddeċiedi fuq l-ispejjeż ġudizzjarji u dan ukoll sabiex ġjaladarba s-soċjeta' konvenuta taf b'din it-talba ma jkunx hemm spejjeż oħra inutli li jistgħu jkunu inkorsi sabiex issir in-notifika uffiċċjali.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-socjeta´ attriċi fejn l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-soċjeta' konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur